# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Għoxrin (20) ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 331/21 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1657/2021
Fl-ismijiet

**Klassen Johannes**

**Vs**

**Zammit Rijkaard**
**(ID 338294M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta' April 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent Rijkaard Zammit talab is-segwenti:

*Illi rikorrenti huwa propjetarju tal-vettura tal-għamla Kia Sportage liema vettura tħalliet fil-kustodja tal-esponent.*

*Illi l-esponenti huwa mekkanik u r-rikorrenti u l-esponenti ma waslux fi ftehim ta' ħlas tal-vettura u għalhekk ġiet istitwita kawża bin-numru 1102/20FDP.*

*Illi l-esponenti għandu wkoll fil-konfront tal-istess rikorrenti mandat ta' sekwestru bin-numru soprindikat;*

*Illi l-esponenti għandu s-segwenti pagamenti li jridu jsiru mill-kont ta' self li għandu mal-BOV, self li ttieħed biss sabiex tiġi mixtrija u mimlija d-dar matrimonjali prospettiva;*

*Illi dawn il-kontijiet qegħdin flimkien mas-sieħba tiegħu, Ritiana Arapa, parti terza f'din il-kawża.*

*Illi l-esponenti kien ser jiżżewweġ fl-10 ta' April li għadda, iżda minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija dan ma setax isir;*

*Madanakollhu, l-esponenti ser ikollu bżonn iħallas dawk id-depożiti tal-arranġamenti tat-tieġ sabiex ma jintilfux;*

*Għaldaqstant tenut kont is-suespost, tenut kont l-annessi dokumenti u dak li ser jiġi trattat fil-mori ta' din il-kawża, l-esponenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet bankarji li minnhom hemm self tal-Bank of Valletta u tikkonfermah fil-kumplament tiegħu u dan minħabba li dan qed joħloq preġudizzju rrimedjabbli fil-konfront tal-esponenti u terzi mhux parti f'din il-kawża.*

2. Rat illi fit-3 ta' Mejju 2021, l-intimat Klassen Johannes laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

*1. Illi preliminarjament l-esponenti jissolleva li kuntrarjament għal dak espost minn Rijkaard Zammit, r-Rikors Ġuramentat ppreżentat mill-esponenti fil-kawża numru 1102/20FDP ma jirrigwardax nuqqas ta' ftehim ta' ħlas iżda nuqqas ta' xogħol u ħsarat ossia danni kkaġunati fuq il-vettura tal-esponenti li kienet fil-kustodja tal-istess Zammit in kwantu mekkanik.*

*2. Illi l-mandat kawtelatorju odjern ġie propju intavolat in kawtela tad-danni li l-esponent sofra u qiegħed isofri minħabba l-inadempjenza u nuqqas ta' professjonalita' tal-konvenut u f'każ li r-revoka tal-mandat tintlaqa' ċertament ser tkun tfisser li t-talbiet tal-esponent mhux ser ikunu kawtelati bl-ebda mod.*

*3. Illi oltre' rikors revoka għandha tkun ibbażata fuq waħda mill-kriterji stabbiliti taħt l-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ossia:*

> *"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liħi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju jew inkella jekk tkun saret kawża jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*
>
> *(b) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liħi għall-ħruħ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħru ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie*

*ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*4. Illi l-esponent mhux jifhem taħt liema kriterju r-Rikors imressaq huwa msejjes iżda l-premessi ta' Rijkaard Zammit ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kriterji stabbiliti stante li mir-Rikors Ġuramentat jidher ċar li l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju huwa prima facie ġustifikat.*

*5. Illi l-mandat kawtelatorju odjern huwa l-unika possibilita' li għandu l-esponent f'każ ta' eżekuzzjoni fl-eventwali titlu eżekuttiv permezz ta' sentenza għar-rigward tal-pretensjonijiet imressqa fil-kawża mill-esponent stante illi fil-preżent ma teżisti l-ebda garanzija oħra xierqa.*

*6. Illi għar-rigward ta' jekk huwiex raġonevolment meħtieġ li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ, l-esponent jissottometti li l-Qrati tagħna fir-rigward ta' Rikors revoka ta' mandat kawtelatorju dejjem sostnew illi l-eżami prima facie li jrid isir mill-Qorti sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat huwiex ġustifikat jew eċċessiv għandu jsir irrispettivament mit-talbiet fil-mertu fil-kawża bejn il-partijiet fis-sens li l-Qorti ma għandhiex tidħol fil-mertu u kontestazzjoni tal-kwistjoni tal-partjiet li għadha fi stadju bikri.*

*7. Illi nonostante ċio jirriżulta ċar li l-esponent għandu talba għad-danni fuq vettura li ma hijiex fil-pussess tiegħu iżda fil-kustodja ta' Zammit u li maż-żmien oltre' l-ħsarat li għandha, il-valur tal-istess vettura għal dawn l-aħħar sentejn u fi żmien li ġej ser ikompli jonqos u għalhekk prima facie huwa ġustifikat li l-mandat jibqa' fis-seħħ sabiex l-esponent jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu f'każ ta' sentenza favorevoli.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent Rijkaard Zammit, kemm mar-rikors promotur, kif ukoll fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-18 ta' Marzu 2021, wara liema data il-kawża ġiet differita għal digriet finali.

## Ikkunsidrat

5. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq il-fatt illi kontijiet bankarji relatati ma' self bankarji ġew milquta mill-Mandat ta' Sekwestru intavolat minn Johannes Klassen kontra r-rikorrent.

6. Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, illi fis-7 ta' Jannar 2019, il-Bank of Valletta plc ħareġ 'Sanction Letter' a favur tar-rikorrent Rijkaard Zammit u Ritiana Arapa għal self fl-ammont ta' €43,524.

7. Jirriżulta wkoll, mid-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, illi fl-24 ta' Mejju 2019, il-Bank of Valleta plc ħareġ 'Sanction Letter' a favur tar-rikorrent Rijkaard Zammit u Ritiana Arapa għal self ta' €19,000.

8. Jirriżulta illi, fit-talba rikorrenti, ġie mitlub illi *"din l-onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet bankarji li minnhom hemm self tal- Bank of Valletta u tikkonfermah fil-kumplament tiegħu"*

9. Jirriżulta illi l-Artikolu 381 (1) (f) tal-Kap12, illi huwa applikabbli għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju abbażi tal-Artikolu 849, jipprovdi illi ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru:

   *fuq flus li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-sekwestrat b'kuntratt ta' self għall-bini, kostruzzjoni u manteniment ta' djar intenzjonati għall-abitazzjoni tas-sekwestrat;*

10. Jirriżulta illi ż-żewġ 'loan facilities' imsemmija mir-rikorrent fir-rikors promotur, għalkemm mhux indikati bin-numri tal-kontijiet tagħhom, għandhom jitqiesu bħala faċilitajiet li fuqhom ma jistax jiġi eżegwit il-Mandat ta' Sekwestru a tenur tal-Artikolu fuq imsemmi.

11. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba kif redatta timmerita illi tintlaqa'.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u d-dokumentazzjoni eżebita u;

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba rikorrenti kif dedotta, u għalhekk;

**Tordna** r-revoka tal-mandat ta' sekwestru **limitatament** għal dak illi jirrigwarda l-effetti tiegħu kif maħruġa fuq il-Bank of Valletta plc u dana limitatament fuq il-kontijiet bankarji li minnhom hemm self tal-Bank of Valletta, liema self kien indikat fis-sanction letters 7 ta' Jannar 2019 u 24 ta' Mejju 2019 rispettivament għal €43,524 u €19,000, filwaqt illi tikkonfermah fil-kumplament tiegħu.

Kull parti għandha tbagħti l-iSpejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**